PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PROVIŻORJU
2007/0100(CNS)

29.8.2007

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995, imfassla abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, il-Protokoll tas-27 ta' Settembru 1996, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, il-Protokoll tad-29 ta' Novembru 1996, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Protokoll dwar l-interpretazzjoni permezz ta' deċiżjonijiet preliminari, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u t-Tieni Protokoll tad-19 ta' Ġunju 1997, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, mal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej
(COM(2007)0277 – C6-0238/2007 – 2007/0100(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Jean-Marie Cavada

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995, imfassla abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, il-Protokoll tas-27 ta' Settembru 1996, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, il-Protokoll tad-29 ta' Novembru 1996, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Protokoll dwar l-interpretazzjoni permezz ta' deċiżjonijiet preliminari, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u t-Tieni Protokoll tad-19 ta' Ġunju 1997, imfassal abbażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, mal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej
(COM(2007)0277 – C6-0238/2007 – 2007/0100(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0277),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0238/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

L-Att ta' adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija ta' l-2005 introduċa sistema simplifikata għall-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija għall-konvenzjonijiet (u l-protokolli) konklużi mill-Istati Membri fuq il-bażi ta' l-Art. 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (preċedentement l-Art. K.3 TUE) jew l-Art. 293 TEC. Filfatt m'għadux neċessarju, bħal fil-passat, li jiġu nnegozjati u konklużi protokolli ta' adeżjoni speċifiċi għal dawn il-konvenzjonijiet (li kien ikun ifisser ratifika mis-27 Stat): L-Artikolu 3(3) ta' l-Att jipprovdi sempliċement li l-Bulgarija u r-Rumanija jaċċedu għal dawn il-konvenzjonijiet u protokolli permezz ta' l-Att ta' Adeżjoni.

L-Artikolu 3(3) u 3(4) ta' l-Att ta' Adeżjoni jipprovdi li, għal dak il-għan, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni sabiex tiġi stabbilita d-data li fiha dawn il-konvenzjonijiet jidħlu fis-seħħ għall-Bulgarija u għar-Rumanija u biex isiru l-aġġustamenti kollha neċessarji għal dawn il-konvenzjonijiet meħtieġa minħabba l-adeżjoni taż-żewġ Stati Membri ġodda (li, fi kwalunkwe każ, jinkludu l-adozzjoni tal-konvenzjonijiet fil-lingwi tal-Bulgarija u tar-Rumanija, sabiex dawn il-varjazzjonijiet ikunu jistgħu jkunu "awtentiċi b'mod ugwali").

Il-Kunsill għandu jaġixxi fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew.